*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,565, 18 ta' Marzu, 2010*
*Taqsima B*

**A.L. 158 tal-2010**

## ATT DWAR IL-LIBERTÀ TA' L-INFORMAZZJONI (KAP. 496)

### Regolamenti tal-2010 dwar Ħlasijiet Imposti mill-Awtoritajiet Pubbliċi għall-Aċċess għal Dokumenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 42(ċ) tal-Att dwar il-Libertà ta' l-Informazzjoni, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar Ħlasijiet Imposti mill-Awtoritajiet Pubbliċi għall-Aċċess għal Dokumenti. Titolu.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-21 ta' April, 2010.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:- Tifsir.

"proċessar" tirreferi għall-attivitajiet relatati mal-identifikazzjoni, tiftix jew ġbir ta' dokumenti jew informazzjoni, konsultazzjonijiet mmexxija minn kull persuna jew korp ta' persuni fir-rigward tal-possibbiltà tal-iżvelar ta' dokumenti jew informazzjoni, jew l-editjar tad-dokumenti jew informazzjoni sabiex tintlaħaq talba ta' applikant; u

"talba unika" tfisser talba għal dokument wieħed jew talba għal informazzjoni speċifika jew relatata mill-qrib.

**3.** L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jimponu ħlas tal-ipproċessar għall-aċċess għal dokumenti jew informazzjoni skont l-Ewwel Skeda. Ħlas tal-ipproċessar.

**4.** Kull fejn spejjeż addizzjonali jintefqu minn awtoritajiet pubbliċi biex jagħmlu disponibbli għall-applikant id-dokument jew l-informazzjoni mitluba minnu, irrespettivament mill-forma preferita mill-applikant fit-talba tiegħu, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jimponu ħlas addizzjonali skont it-Tieni Skeda. Ħlas Addizzjonali.

Barra minn hekk, ħlasijiet addizzjonali jistgħu jiġu imposti mill-awtoritajiet pubbliċi skont it-Tielet Skeda fejn l-applikant jesprimi preferenza u jingħata aċċess għal dokument billi jispezzjonah fil-fond tal-awtorità pubblika.

**5.** Minkejja d-disposizzjonijiet tar-regolamenti 3 u 4, il-ħlas impost fir-rigward ta' talba unika ma jistgħax jaqbeż it-total ta' €40. Ħlas Massimu għal kull talba unika.

Provvediment ta' informazzjoni fir-rigward ta' ħlasijiet.

**6.** Kull fejn awtoritajiet pubbliċi jimponu ħlasijiet skont dawn ir-regolamenti, referenza għandha ssir għal dawn ir-regolamenti. Din ir-referenza għandha tkun inkluża fil-formoli tal-applikazzjoni tal-awtorità pubblika maħruġa skont ir-Regolamenti tal-2010 dwar Applikazzjonijiet u Formoli Oħra.

Applikanti jiġu informati dwar il-ħlas applikabbli għal talbiet speċifiċi.

**7.** L-awtoritajiet pubbliċi għandhom ifittxu li jinfurmaw lill-applikant dwar il-ħlas applikabbli għat-talba tiegħu fl-iqsar żmien possibbli.

## L-EWWEL SKEDA
**(Regolament 3)**

| | |
|---|---|
| Talbiet li jeħtieġu anqas minn sagħtejn xogħol għall-ipproċessar ..... | €5 |
| Talbiet li jeħtieġu tal-anqas sagħtejn xogħol għall-ipproċessar imma anqas minn tlett siegħat ................................................................ | €10 |
| Talbiet li jeħtieġu tal-anqas tlett siegħat xogħol għall-ipproċessar imma anqas minn erbgħa siegħat .................................................... | €15 |
| Talbiet li jeħtieġu tal-anqas erbgħa siegħat xogħol għall-ipproċessar | €20 |

## IT-TIENI SKEDA
**(Regolament 4)**
**Ħlasijiet Addizzjonali**

| | |
|---|---|
| Fotokopji u *Faxes*: | €00.12 għal kull paġna |
| Medja Diġitali: Spiża tal-Prezz tal-mezz diġitali użat (e.ż. disc) | |

## IT-TIELET SKEDA
**(Regolament 4)**
**Ħlasijiet Addizzjonali**

| | |
|---|---|
| Spezzjoni li ma taqbiżx siegħa ........................................................ | €5 |
| Spezzjoni li ma taqbiżx sagħtejn ..................................................... | €10 |
| Spezzjoni li ma taqbiżx tlett siegħat ................................................ | €15 |
| Spezzjoni li taqbeż tlett siegħat ....................................................... | €20 |
| Fil-każ ta' ħafna sessjonijiet ta' spezzjoni, l-Awtorità Pubblika għandha timponi il-ħlas billi jingħaddu s-siegħat li l-applikant ikun dam jispezzjona d-dokument. | |

**L.N. 158 of 2010**

## FREEDOM OF INFORMATION ACT
## (CAP. 496)

### Fees charged by Public Authorities for Access to Documents Regulations, 2010

In exercise of the powers conferred by article 42(c) of the Freedom of Information Act, the Minister for Justice and Home Affairs has made the following regulations:-

Citation.

**1.** (1) The title of these regulations is Fees Charged by Public Authorities for access to documents Regulations, 2010.

(2) These regulations shall come into force on the 21st April, 2010.

Interpretation.

**2.** In these regulations, unless the context otherwise requires:-

"processing" refers to the activities relating to the identification, search or collation of documents or information, consultations conducted with any person or body of persons in relation to the possible disclosure of documents or information, or otherwise editing the documents or information in order to meet a request by an applicant; and

"single request" means a request for one document or a request for specific or closely related information.

Processing fees.

**3.** Public authorities may charge processing fees for access to documents or information in accordance with the First Schedule.

Additional fees.

**4.** Whenever additional expenses are incurred by public authorities to make the requested document or information available to the applicant, irrespective of whether this was the format preferred by the applicant in his request, public authorities may charge an additional fee in accordance with the Second Schedule.

Moreover, additional fees may be charged by public authorities in accordance with the Third Schedule when the applicant expresses preference and is given access to a document by inspecting it at the public authority's premises.

Maximum fee per single request.

**5.** Notwithstanding the provisions of regulations 3 and 4, the fees charged in respect of a single request cannot exceed a total of €40.

**6.** Whenever public authorities charge fees in accordance with these regulations, reference shall be made to these regulations. Such reference shall be included in the public authority's application forms issued pursuant to the Application and other Forms Regulations 2010.

Provision of information in relation to fees.

**7.** Public authorities shall seek to inform the applicant of the fee applicable to his request at the earliest possible.

Informing applicants about the fee applicable to specific requests.

## FIRST SCHEDULE
## (Regulation 3)

| | |
|---|---|
| Requests requiring less than two man-hours of processing ............. | €5 |
| Requests requiring at least two man-hours of processing but less than three hours ........................................................................ | €10 |
| Requests requiring at least three man-hours of processing but less than four hours ........................................................................ | €15 |
| Requests requiring at least four man-hours of processing ................ | €20 |

## SECOND SCHEDULE
## (Regulation 4)
## Additional fees

| | |
|---|---|
| Photocopies and Faxes .................................... | €00.12 per page |
| Digital Media: Cost price of the digital medium used (e.g. disc) | |

## THIRD SCHEDULE
## (Regulation 4)
## Additional fees

| | |
|---|---|
| Inspection of up to 1 hour ................................................................ | €5 |
| Inspection of up to 2hours ............................................................... | €10 |
| Inspection of up to 3 hours .............................................................. | €15 |
| Inspection exceeding 3 hours .......................................................... | €20 |
| In the event of multiple inspection sessions, the Public Authority shall set the fee by counting the hours the applicant spent inspecting the document | |

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.28